# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Revoka Nru **1137/2022 (AD)**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1433/2022**

**fl-ismijiet:**

## HOTEL SAN ANTONIO LIMITED (C 302)

**VS**

## NIK DEE MCGOWAN (KI 0244101L)
## HEATHER ROSE MCGOWAN (KI 0483100L)
## TRAVIS MCGOWAN (KI 0482600L)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Nik Dee McGowan u Heather Rose McGowan għar-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1433/22 fit-termini tal-Artikolu 381(1)(j) u l-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2022, is-soċjeta' rikorrenti Hotel San Antonio Limited intavolat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-intimati McGowan in kawtela ta' kreditu fl-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u sitt Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€ 18,906.93). Is-soċjeta' rikorrenti talbet illi jiġi sekwestrat dan l-ammont in kawtela tat-talba mressqa minnha permezz tar-rikors ġuramentat fl-istess ismijiet, fejn intalab *inter alia* danni għal xogħolijiet sofferti mis-soċjeta' rikorrenti u danni li għad iridu jiġu sofferti tenendo kont il-possibilita' ta' tiġrif u ħsara ta' proprjeta' tal-intimati sovrappost proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti. It-talba tas-soċjeta' rikorrenti ġiet milqugħa permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2022 stess;

3. Permezz ta' rikors datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, is-sekwestrati Nik Dee McGowan u Heather Rose McGowan ippremettew:

    a. Illi Nik Dee McGowan huwa pensjonant b'diżabilita' u l-unika dħul tiegħu hija l-pensjoni, liema pensjoni tidħol fil-kont milqut mill-mandat odjern, u għalhekk is-sekwestrat m'għandu l-ebda mezz ieħor biex imantni l-bżonnijiet tiegħu. Huwa jikkontendi illi minkejja illi fir-rendikont anness mar-rikors jidher xi dħul sporadiku mingħand bintu, dan id-dħul huwa biss rifużjoni ta' flus li bintu kienet issellfet mingħandu. Peress illi l-mandat jolqot esklussivament dan il-kont bankarju, il-mandat qed jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 381(1)(j) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

    b. Illi Heather Rose McGowan hija *single parent* bi dħul b'salarju fiss, u l-kont milqut mill-mandat odjern jintuża minnha sabiex tipperċepixxi fih is-salarju tagħha. B'konsegwenza tal-mandat, hija m'għandhiex mezz biex tmantni lil uliedha u l-bżonnijiet bażiċi tagħha. Dan qed isir bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

li jistabbilixxi illi l-mandat għandu jolqot l-ammont li jeċċedi sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€ 698.81);

4. Għaldaqstant, Nik Dee McGowan u Heather Rose McGowan talbu lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tordna l-bank sekwestratarju jirrilaxxa l-kont bankarju ta' Nik Dee McGowan mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru 1433/22 ai termini tal-Artikolu 381(1)(j) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   ii. Tordna li l-mandat ta' sekwestru odjern fil-konfront ta' Heather Rose McGowan jiġi limitat għall-ammont li jeċċedi sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€ 698.81) fix-xahar, ai termini tal-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' risposta datata sitta (6) ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' sekwestranti eċċepiet:

   a. Illi b'referenza għall-Artikolu 382(1), huwa biss l-ammont ta' € 698.81 rappreżentanti salarju u paga illi għandha tiġi liberata mill-mandat u rilaxxata għall-użu tad-debitur, u huwa biss meta debitur juri bżonn u neċessita' lil hinn minn dan l-ammont illi l-eċċess għandu jiġi liberat. Is-soċjeta' rikorrenti hija tal-fehma illi l-eċċess fuq dan l-ammont m'għandux jiġi liberat stante illi dan il-bżonn ma ġiex muri u ppreżentat lil din il-Qorti;

   b. Illi lanqas ġie pruvat illi l-kont li Heather Rose McGowan qed taċċenna għalih huwa l-kont fejn hija tirċievi l-pagamenti tagħha;

   c. Illi fir-rigward tat-talba fil-konfront tal-pensjoni tas-Sur Nick Dee McGowan, is-soċjeta' sekwestranti tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, iżda pero jekk ser jiġi rilaxxat ammont u kont, dan għandu jkun biss f'dak l-ammont rappreżentanti l-pensjoni li s-Sur Nick Dee jirċievi, u mhux fi dħul ieħor ukoll;

d. Illi f'każ illi din il-Qorti tħoss li għandha tirrilaxxa l-pensjoni tas-Sur Nick Dee McGowan, l-ebda kont ieħor li jista' jkun jappartjeni lill-istess sekwestrat m'għadnu jiġi liberat.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

7. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022 illi fih iddikjarat illi kienet sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors wara li tkun ħadet konjizzjoni tar-risposta;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Talba tas-Sekwestrati Nik Dee McGowan u Heather Rose McGowan**

9. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka parzjali ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 381(1)(j) u 382(1) tal-Kap 12;

10. L-Artikolu 381(1)(j) jistabbilixxi illi:

> *381. (1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –*
>
> *[...]*
>
> *(j) kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti skont il-paragrafi (b), (ċ) u (i). Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet ma jiġux milquta bl-effetti tal-istess mandat ta' sekwestri:*

*Iżda l-bank huma obbligati li jiftħu u jżommu miftuħa l-kontijiet bankarji għall-għanijiet hawn fuq imsemmija.*

11. Jiġi rilevat illi l-paragrafu **(b)** tal-istess subartikolu jagħmel referenza għal:

*(b) benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jew pensjoni privata jew kwalunkwe pensjoni, benefiċċju jew allowance oħra maħruġa mill-Gvern jew gvern barrani ieħor:*

*Iżda fil-każ ta' pensjonijiet privati u pensjonijiet maħruġa minn gvernijiet barranin l-ammont li mhux sekwestrabbli m'għandux jeċċedi l-ammont stabbilit għall-ogħla pensjoni maħruġa mill-Gvern;*

12. L-Artikolu 382(1) imbagħad jgħid:

*382. (1) Fil-każ ta' kwalunkwe salarju jew paga msemmija fl-artikolu 381(1)(a) meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*

*Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*

*Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.*

13. Tajjeb illi jiġi primarjament senjalat illi għalkemm dawn iż-żewġ artikoli jinsabu taħt is-Sub-Titolu VI tal-Kap 12, u cioe dik il-parti mill-Kap 12 illi titkellem dwar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, l-Artikolu 849 tal-Kap 12 iwessa' l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju wkoll, b'dana illi dak premess mil-liġi permezz ta' dawn iż-żewġ artikoli japplika wkoll fil-każ ta' mandat ta' sekwestru bħal dak odjern;

14. Is-sekwestrat Nik Dee McGowan qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrilaxxa l-kont bankarju tiegħu mill-effetti tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 381(1)(j) tal-Kap 12. Tajjeb illi jingħad illi sa Ottubru 2021, is-sitwazzjoni kienet kif esposta fid-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***HSBC Malta plc vs Joseph Dimech u Maris Dimech***[1]:

*Regola oħra importanti li wieħed irid iżomm f'moħħu hija li jekk il-flejjes li jkunu ġejjin mill-pensjoni jew mill-benefiċċju soċjali jispiċċaw jitħalltu ma' flejjes oħra f'kont bankarju li jkollu d-debitur, allura hemm il-possibilità li dawn jitilfu l-karattru orġinali tagħhom ta' pensjoni jew benefiċċju għaliex dawn jidħlu jagħmlu parti mill-assi li jkun hemm f'dak il-kont u b'hekk wieħed ma jkunx jista' jagħraf aktar liema huma dawk il-flejjes li ġejjin mill-pensjoni u liema huma dawk il-flejjes li jkunu ġew imfaddla mill-esekutat (ara* **Bank of Valletta p.l.c. v. Emanuel Żammit** *et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2017 u* **Bank of Valletta plc v. Edward Pace Balzan et** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit28 ta' Ġunju, 2017). Darba li jsir id-depożitu tal-pensjoni fil-*

[1] Rik Nru 913/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ C. Falzon Scerri, 19 t'Ottubru 2021

> *kont bankarju, dak id-depożitu li jkun ġej minn pensjoni jew benefiċċju soċjali jista' jitlef in-natura tieghu ta' pensjoni jew benefiċċju soċjali ghal dak li jirrigwarda provenjenza, u jsir depożitu bankarju;*

15. Ġara iżda illi f'Ottubru 2021 ġie introdott fil-liġi s-subartikolu (j) permezz tal-Att LXII tal-2021, b'dana illi pensjoni tista' issa tiġi mħarsa mill-mandat ta' sekwestru anke meta tkun ġiet depożitata fil-kont bankarju tal-benefiċjarju, basta li dak il-kont bankarju jkun qiegħed jintuża *"biss u esklussivament"* sabiex is-sekwestrat jirċievi fih il-pensjoni jew benefiċċju relattiv;

16. B'referenza għal **Dok A** anness mar-rikors in eżami, din il-Qorti tosserva illi dan il-kont bankarju mhuwiex użat *"biss u esklussivament"* biex is-sekwestrat jirċievi l-pensjoni tiegħu. Difatti, jidhru depożiti magħmula lilu minn bintu Heather McGowan, kif ukoll pagamenti illi ġew depożitati fl-istess kont tramite PayPal Europe S.a.r.l. et Cie S.C.A. Konsegwentement, għalhekk, **ma jistax jitqies illi japplika s-subartikolu (j) tal-Artikolu 381(1) tal-Kap 12 għall-każ odjern**;

17. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda s-salarju tas-sekwestrata Heather Rose McGowan, din il-Qorti tinnota illi mir-rikors tas-sekwestrati ma jidhirx illi s-sekwestratarji jinkludu lill-prinċipali ta' soċjetajiet u/jew dipartimenti illi magħhom hija impjegata l-istess Heather Rose McGowan, stante illi fir-rikors issir referenza biss għal kontijiet bankarji. Per konsegwenza, dak illi huwa maqbud mill-mandat ta' sekwestru odjern mhix il-paga perċepita mis-sekwestrata Heather Rose McGowan, iżda l-flus fil-kontijiet bankarji relattivi tagħha. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Tabib Prinċipali tal-Gvern vs Hazel Pannel***[2]:

> *L-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura,*

[2] Appell Ċivili Nru 406/2008/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 27 ta' Marzu 2009

*strettament, l-Artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom.*

18. L-istess ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Edward Pace Balzan et***[3], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat illi:

*[... ] [L]adarba l-paga tintbagħat direttament f'kont bankarju ta' impjegat, il-fondi jsiru parti mill-assi f'tali kont u ma jibqgħux aktar jingħarfu skont l-għajn li minnu jitnisslu. Għalkemm il-Qorti tara li dan jista' joħloq diffikulta' minħabba l-prattika mifruxa li teżisti fejn salarji, pagi jew pensjonijiet jintbagħtu direttament f'kont bankarju, jidher li l-qagħda legali fejn jidħlu l-effetti ta' Mandati ta' Sekwestru ma tħallix għażla lis-sekwestrarju li jrid joqgħod għall-ordni tal-Qorti. Dan jitlob lill-parti li tkun intlaqtet b'Mandat bħal dak li tagħmel arranġamenti mal-prinċipal tagħha jew id-dipartiment li jkun li l-ħlas dovut jingħata direttament lill-impjegat jew lill-benefiċjarju;*

19. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tikkonsidra illi l-Artikolu 381(1)(a) u l-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 ma jsibux applikazzjoni fil-każ odjern, stante illi, b'mod simili għal dik illi kienet il-pożizzjoni rigward pensjonijiet qabel l-

[3] Rik Nru 496/17 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru 654/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 28 ta' Ġunju 2017 *(Għalkemm dan id-digriet kien jirrigwarda mandat ta' sekwestru eżekuttiv, l-interpretazzjoni illi saret f'dan id-digriet tal-Artikoli 381(1) u 382(1) tal-Kap 12 tapplika wkoll għall-każ odjern.)*

introduzzjoni tas-subartikolu (j), il-paga msemmija mis-sekwestrata titlef in-natura tagħha hekk kif tiġi depożitata fil-kont bankarju milqut mill-mandat odjern u ssir depożitu bankarju. Per konsegwenza tal-fatt illi kontijiet bankarji ma jifformawx parti mil-lista ta' ħwejjeġ illi ma jistgħux jiġu milquta minn mandat ta' sekwestru ai termini tal-istess artikoli, **it-tieni talba tas-sekwestrati lanqas tista' tiġi akkolta**;

20. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'għandha ebda alternativa għajr illi tiċħad it-talbiet tas-sekwestrati għaliex ma humiex attendibbli fil-liġi.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet** tas-sekwestrati kif dedotti fir-rikors tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**